**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għall-Baġits*

**2018/2114(INI)**

11.12.2018

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġuridiċi u tad-Dikjarazzjoni Konġunta li tiżgura l-iskrutinju parlamentari fuq l-aġenziji deċentralizzati (2018/2114(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Jens Geier

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li l-finanzjament tal-aġenziji permezz tat-tariffi bħalissa jammonta għal total ta' EUR 1 biljun fis-sena, li b'hekk inaqqas b'mod sinifikanti l-pressjoni fuq il-baġit tal-Unjoni; iqis li l-finanzjament permezz tat-tariffi huwa mod effikaċi kif jiġu ffinanzjati l-attivitajiet ta' aġenzija f'każijiet fejn il-mudell ta' negozju jippermetti dan; jinnota, madankollu, li jeħtieġ li miżuri ta' salvagwardja jkunu fis-seħħ sabiex jiġi evitat kwalunkwe tip ta' kunflitt ta' interess;

2. Jinnota li, anke jekk l-aġenziji deċentralizzati jixbhu 'l xulxin f'dak li jirrigwarda l-ġestjoni tal-baġit, irriżulta li approċċi uniformi li suppost jgħoddu għal kulħadd kienu ta' detriment għall-ġestjoni effiċjenti u effikaċi ta' ċerti aġenziji; iqis li l-mira ta' tnaqqis ta' 5 % tal-persunal u r-riżerva għar-riallokazzjoni fost l-aġenziji huma eżerċizzju ta' darba biss; itenni li biħsiebu jopponi kwalunkwe approċċ ta' dan it-tip fil-ġejjieni;

3. Jemmen li d-deċiżjoni dwar il-lokalità tas-sede ta' aġenzija hija ta' importanza kbira, u jqis li kriterji objettivi, bħall-aċċessibbiltà, sinerġiji amministrattivi u prossimità għall-partijiet ikkonċernati, iridu jiġu kkunsidrati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni sabiex jagħmlu l-aħjar deċiżjoni possibbli; jistenna li l-prerogattivi kemm tal-Parlament kif ukoll tal-Kunsill bħala koleġiżlaturi tal-Unjoni jkunu rispettati bis-sħiħ fid-deċiżjonijiet futuri dwar il-lokalità tas-sede ta' aġenziji;

4. Jitlob lill-Kummissjoni, bi qbil mar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Interistituzzjonali dwar ir-riżorsi tal-aġenziji deċentralizzati, tippreżenta b'mod rapidu evalwazzjoni tal-aġenziji li jinsabu f'aktar minn lokalità waħda, billi tuża approċċ konsistenti biex tivvaluta l-valur miżjud billi tqis l-ispejjeż imġarrba; jitlob li jittieħdu miżuri sinifikanti abbażi tar-riżultati tal-evalwazzjoni bil-għan li jitnaqqas l-għadd ta' diversi lokalitajiet, jekk u fejn ikun xieraq;

5. Jinnota bi tħassib li għadd ta' aġenziji jsibuha diffiċli li jattiraw persunal kwalifikat minħabba l-kundizzjonijiet ta' impjiegi mhux favorevoli u l-limitazzjonijiet ikkawżati mill-koeffiċjenti tas-salarju; jemmen li l-korpi tal-Unjoni jeħtieġ li jkunu f'pożizzjoni li jattiraw persunal kwalifikat sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effikaċi u effiċjenti; jitlob, għalhekk, azzjoni konkreta li tirrettifika l-koeffiċjenti tas-salarju sabiex jirriflettu aħjar il-kostijiet reali;

6. Jinnota li kooperazzjoni msaħħa bejn l-aġenziji fil-qsim tas-servizzi rriżultat fi ffrankar, eż. permezz tal-ħolqien ta' portal konġunt għall-akkwisti; iħeġġeġ aktar esplorazzjoni tal-potenzjal tal-qsim tas-servizzi, jew fost l-aġenziji jew inkella bejn il-Kummissjoni u l-aġenziji, bil-għan li jinħolqu sinerġiji ġodda u li dawk li diġà jeżistu jiġu ottimizzati; jemmen li, fejn applikabbli, tista' tinkiseb aktar effiċjenza baġitarja permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib fl-oqsma tal-appoġġ amministrattiv u s-servizzi tal-ġestjoni tal-faċilitajiet fost il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni li jinsabu qrib ħafna ta' xulxin;

7. Jemmen li s-sorveljanza demokratika tista' tissaħħaħ billi tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti maħtura mill-Parlament fil-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija; jemmen li

f'dan il-proċess deċiżjonali il-fatt li jiġi żgurat l-aħjar valur għall-flus għaċ-ċittadini Ewropej, rappreżentati mill-Parlament, għandu jkun fattur importanti; jinnota li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni f'diversi okkażjonijiet naqqsu milli jagħmlu użu minn din il-possibbiltà prevista fl-Approċċ Komuni;

8. Jinnota li l-baġits tal-aġenziji għandhom jitħejjew bi qbil mal-prinċipju ta' bbaġitjar abbażi tal-prestazzjoni, billi jitqiesu l-għanijiet tal-aġenziji u r-riżultati mistennija tal-kompiti tagħhom; jitlob approċċ sistematiku fl-ibbaġitjar tal-aġenziji deċentralizzati bil-għan li l-kompiti tal-aġenziji jkunu aktar prijoritizzati, ikun hemm aktar kooperazzjoni u ma jitħalliex li jkun hemm tirkib, speċjalment fil-każ ta' aġenziji li jaħdmu fl-istess qasam ta' politika;

9. Jinnota bi tħassib li għadd ta' rekwiżiti amministrattivi huma sproporzjonati għal aġenziji li ma laħqux ċertu daqs; jistenna li l-Kummissjoni u l-Kunsill jiżguraw li r-rekwiżiti amministrattivi applikabbli jkunu proporzjonati mar-riżorsi finanzjarji u umani tal-aġenziji kollha;

10. Ifakkar li l-proċedura leġiżlattiva twassal għal modifiki fil-proposta oriġinali tal-Kummissjoni; jinnota bi tħassib li rapporti finanzjarji aġġornati ġeneralment isiru disponibbli biss fi tmiem il-proċedura leġiżlattiva, jekk qatt isiru disponibbli; ifakkar fiż-żewġ rwoli tal-Parlament u tal-Kunsill bħala awtorità leġiżlattiva u awtorità baġitarja.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 10.12.2018 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 24<br>–: 1<br>0: 2 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Jean Arthuis, Richard Ashworth, Lefteris Christoforou, Manuel dos Santos, André Elissen, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Jens Geier, Ingeborg Gräßle, John Howarth, Siegfried Mureşan, Liadh Ní Riada, Jan Olbrycht, Pina Picierno, Paul Rübig, Petri Sarvamaa, Jordi Solé, Patricija Šulin, Indrek Tarand, Monika Vana, Daniele Viotti, Marco Zanni |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Xabier Benito Ziluaga, Karine Gloanec Maurin, Marco Valli |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Clara Eugenia Aguilera García, Claudia Schmidt |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 24 | + |
|---|---|
| ALDE | Jean Arthuis |
| GUE/NGL | Xabier Benito Ziluaga, Liadh Ní Riada |
| PPE | Richard Ashworth, Lefteris Christoforou, José Manuel Fernandes, Ingeborg Gräßle, Siegfried Mureşan, Jan Olbrycht, Paul Rübig, Petri Sarvamaa, Claudia Schmidt, Patricija Šulin |
| S&D | Clara Eugenia Aguilera García, Eider Gardiazabal Rubial, Jens Geier, Karine Gloanec Maurin, John Howarth, Pina Picierno, Manuel dos Santos, Daniele Viotti |
| VERTS/ALE | Jordi Solé, Indrek Tarand, Monika Vana |

| 1 | - |
|---|---|
| ENF | André Elissen |

| 2 | 0 |
|---|---|
| EFDD | Marco Valli |
| ENF | Marco Zanni |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni